

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 1.10.2010  
KUMM(2010) 528 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> jippermetti aħseb l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (European Globalisation Adjustment Fund, EGF) fil-limitu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>

Fit-30 ta' Diċembru 2009, il-Pajjiżi Baxxi ppreżentaw l-applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18, għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara li ngħataw is-sensji mix-xogħol f'45 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u riproduzzjoni ta' midja rikordjata)<sup>3</sup> f'żewġ reġjuni kontigwi fin-NUTS II, il-Gelderland (NL22) u l-Overijssel (NL21) fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Din l-applikazzjoni hija parti minn pakkett ta' sitt applikazzjonijiet interrelatati, li kollha kemm huma jikkonċernaw is-sensji fi tmien reġjuni differenti ta' NUTS II fil-Pajjiżi l-Baxxi f'intrapriżi li joperaw fis-settur tal-grafika, li l-attivitajiet tagħhom huma kklassifikati skont żewġ Diviżjonijiet differenti tar-Reviżjoni 2 tan-NACE, jiġifieri d-Diviżjoni 18 (stampar u riproduzzjoni tal-midja rikordjata) u d-Diviżjoni 58 (attivitajiet ta' pubblikazzjoni).

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

### **SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U L-ANALIŻI**

<b>Dejta ewlenija</b>	
Nru tar-referenza tal-EGF	EGF/2009/029
Stat Membru	Il-Pajjiżi l-Baxxi
L-Artikolu 2	(b)
L-intrapriżi kkonċernati	45
Ir-Reġjuni NUTS II	Gelderland (NL22) u Overijssel (NL21)
Diviżjoni tar-Reviżjoni 2 tan-NACE	18 (stampar u riproduzzjoni tal-midja rikordjata)
Perjodu ta' referenza	Mill-1/4/2009 sad-29/12/2009
Data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	1/4/2009
Data tal-applikazzjoni	30/12/2009
Sensji matul il-perjodu ta' referenza:	650
Ħaddiema li ngħataw is-sensja li se jingħataw appoġġ	650

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> OJ L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Servizzi personalizzati: baġit f'EUR	2 973 960
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF <sup>4</sup> baġit f'EUR	123 915
Nefqa f'% għall-implimentazzjoni tal-EGF	4 %
Baġit totali f'EUR	3 097 875
Il-kontribuzzjoni tal-EGF fl-EUR (65 %)	2 013 619

1. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-30 ta' Diċembru 2009 u ssupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' intervent mill-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 1927/2006 u kienet sottomessa sad-data tal-iskadenza ta' 10 ġimgħat imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

### **Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tkun stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Pajjiżi l-Baxxi jisħqu li l-kriżi ekonomika wasslet għal tnaqqis sostanzjali fid-domanda għas-settur tal-istampar u tal-pubblikazzjoni. L-ordnijiet minn setturi ekonomiċi oħra għal materjal stampat ta' pubbliċità, li jirrapreżentaw 35 % tal-fatturat totali tas-settur tal-istampar u tal-pubblikazzjoni, naqsu b'5,6 % bejn l-2008 u l-2009 minħabba tnaqqis fil-baġits għall-midja u l-attivitajiet ta' pubbliċità bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika. L-applikazzjoni tikkowta diversi eżempji: Fl-industrija tal-bini l-baġit għall-informazzjoni u l-pubbliċità tnaqqas b'36,8 % wara l-bidu tal-kriżi, fis-settur finanzjarju b'33,3 % u fis-settur tal-elettronika għall-konsum bi 30,6 %. Barra minn hekk, il-kriżi ekonomika affettwat b'mod negattiv id-domanda għal tipi varji ta' materjal tal-midja stampat: fl-ewwel sitt xhur tal-2009, id-domanda għal rivisti popolari naqset bi 18,2 %, għall-gazzetti b'7,5 %, għall-gazzetti kummerċjali mqassma bla hłas b'16,4 % u għal rivisti professjonali b'16,5 % meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2008.

### **Turiya tal-għadd ta' sensji u l-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

4. Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li jitlob li jkun hemm minn tal-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tar-Reviżjoni 2 tan-NACE f'reġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.
5. L-applikazzjoni tikkwota 650 sensja f'45 intrapriża li joperaw fl-istess Diviżjoni tar-Reviżjoni 2 tan-NACE matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mill-1 ta' April 2009 sad-29 ta' Diċembru 2009, li jinsabu kollha fir-reġjuni kontigwi tan-NUTS II ta' Gelderland (NL22) u Overijssel (NL21). Disgħa u tletin sensja kienu kkalkulati f'konformità mal-ewwel inċiż, 556 sensja f'konformità mat-tieni inċiż u sensja f'konformità mat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

<sup>4</sup> Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

6. L-awtoritajiet Olandiżi jargumentaw li l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-impatt tagħha fuq is-settur ma setgħux jkunu previsti. L-applikazzjoni tiddikjara li qabel il-kriżi l-industrija tal-istampar u tal-pubblikazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi għaddiet minn proċess għali ta' ristrutturar sabiex tkun tista' tibqa kompetittiva teknikament ma' intrapriżi minn barra l-UE, b'mod partikolari t-Turkija, iċ-Ċina u l-Indja. Is-settur inbidel minn injustrija orjentata lejn id-domanda għal industrija orjentata lejn il-provvista. Il-kriżi attwali għandha r-riskju li tħassar il-benefiċċji tal-investimenti kbar u l-isforzi li saru mis-settur.

### **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw appoġġ**

7. L-applikazzjoni tikkwota total ta' 650 sensja, li huma kollha identifikati għall-għajjnuna fil-45 intrapriża li ġejjin:

Intrapriżi u numru ta' sensji			
Callenbach Van Wijk Boekbinder, Nijkerk	13	Linde Vouwkartonnage BV, Denekamp	2
Grafisch Bedrijf Bokhorst BV, Nunspeet	4	Lulof Druktechnik BV, Almelo	4
Grafische Service Doetinchem Bv, Doetinchem	2	Thieme Medical CT BV, Deventer	7
Meerpaal grafimedia BV, Tiel	8	Boekbinderij Gebr. G1A Kroeze BV, Almelo	9
Offsetdrukkerij De Rijn BV, Velp	2	Digi-Graphic BV, Enschede	3
Ratio grafisch Totaal, Doetinchem	3	Drukkeij Hoekman Genemuiden Bv, Genemuiden	24
Wegener, Apeldoorn	94	Drukkerij Hoekman Rijssen BV, Rijssen	8
TMC Nijmegen Thieme Groep, Nijmegen	52	Drukkerij Hooiberg BV, Deventer	58
Flevodruk BV, Harderwijk	21	Drukkerij Verhaag BV, Enschede	28
JP Tamminga Bv, Duiven	49	Grafische afwerking/ De Vaardige Handen BV, Enschede	9
Koninklijke drukkerij/ GJ Thieme BV, Nijmegen	56	Hoekman Centrale Diensten BV, Genemuiden	6
Unoprint BV, Elst GLD	2	Hoekman Grafimedia BV, Zwolle	13
Boekbinderij Van Den Burg BV, Weurt	7	Hoekman Grafimedia BV, Zwolle	4
Drukkerij Robbine BV, Twello	1	Pre Press Service BV, Oldenzaal	3
Dukenburg Foliedruk BV, Nijmegen	4	SCA Oldemarkt BV, Oldemarkt	72
Grafisch Bedrijf Outhuis & Kem, Velp GLD	2	Zesvoud Computerformulieren H/O 6-Voud Label+, Enschede	31
Intermec Label Products BV, Nijmegen	3	Boekbinderij Beelen BV, Zutphen	1
VDA Beheer BV, Apeldoorn	1	De Heer F Veldman H/O Drukkerij, Ijsselmuiden	6
Van Der weerd Drukkerfabriek, Oosterhout	6	Digi-Graphic BV, Enschede	6
Van Der Wiel 1 Rosmalen Drukkerij, Arnhem	3	Drukkerij Coenradi BV, Zwolle	1
Verenigde Drukkerijen Apeldoorn, Apeldorn	4	Grafische Afwerking/De Vaardig, Enschede	10
Nimax BV, Elst Gld	1	Hendriks Grafische Vormgeving	1
Kon. Wohnmann BV, Zutphen	6		
<b>Total tal-intrapriżi 45</b>		<b>Total tas-sensji 650</b>	

8. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	423	65
Nisa	227	35
Ċittadini tal-UE	611	94
Ċittadini mhux tal-UE	39	6
Bejn il-15 u l-24 sena	117	18
Bejn il-25 u l-54 sena	357	55
Bejn l-55 u l-64 sena	163	25
'Il fuq minn 65 sena	13	2

Fil-kategoriji t'hawn fuq hemm 26 ħaddiem (4 %) li għandhom problemi ta' saħħa jew diżabilità fit-tul .

9. F'termini ta' kategoriji professjonali, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Maniġer	46	7
Professjonist	130	20
Tekniċi	136	21
Ħaddiema li jagħtu appoġġ klerikali	78	12
Ħaddiema involuti fil-qasam tas-servizzi u tal-bejgħ	78	12
Operaturi u muntaturi fl-impjanti u l-magni	182	28

10. B'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolamenti (KE) Nru 1927/2006, il-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw li għet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fl-aċċess għalih.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

11. It-territorju kkonċernat ikopri l-provinċji ta' Gelderland u Overijssel.
12. L-awtoritajiet ewlenin ikkonċernati huma l-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u l-Fond għat-Taħriġ għas-settur tal-grafika u tal-midja (A&O Fonds Grafimedia) b'ordni tal-Kunsill għall-konsultazzjoni fis-settur tal-grafika u tal-midja. Partijiet interessati rilevanti oħra huma l-Istitut għall-industrija kreattiva (GOC), l-organizzazzjoni pubblika responsabbli għall-benefiċċji (UWV werkbedrijf), iċ-ċentri ta' mobilità UWV Rivierenland, Arnhem, Achterhoek, Overijssel-Noord, Twenthe, l-organizzazzjoni għall-SMEs (MKB-ondernemingen), iċ-ċentri reġjonali għat-taħriġ Arnhem, Aventus, Nijmegen, Twente, Deltioncollege u l-organizzazzjonijiet ta' msieħba soċjali: FNV Kiem (trejdjunjin), CNV Media (trejdjunjin), KVGGO (organizzazzjoni ta' min iħaddem) għad-distrett ta' Utrecht/Gelderland, NUV (organizzazzjoni ta' min iħaddem).

### **L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward l-impjeg lokali, reġjonali jew nazzjonali**

13. L-awtoritajiet Olandiżi jargumentaw li s-sensji fis-settur tal-grafika se jiggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad li kienet diġà ddeterjorat bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja. Fil-provinċja ta' Gelderland, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 4,9 % f'Ottubru 2008 għal 5,9 % f'Ottubru 2009. Għal Overijssel din ir-rata żdiedet minn 5,3 % għal 6,8 % għall-istess perjodu. L-għadd ta' persuni li qegħdin ifittxu mpjeg żdied b'16,8 % bejn Frar 2009 u Frar 2010 f'Gelderland, għal Overijssel din iż-żieda kienet ta' 22,6 % għall-istess perjodu. L-applikant jirreferi wkoll għall-fatt li fis-settur

tal-grafika hemm relattivament relattivament għoli ta' ħaddiema fil-kategoriji ta' età akbar fejn il-qgħad huwa għoli ħafna fiż-żewġ provinċji kkunsidrati.

### **Il-pakkett kkoordinat tas-servizzi personalizzati li jridu jkunu ffinanzjati u tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplimentarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

14. Qegħdin jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin li flimkien jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Se jkunu offruti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn ċentru ta' mobilità bl-isem ta' Ċentru tal-Karrieri Kreattivi (Centrum Creatieve Carrières).

#### Attivitajiet preparatorji

- Teħid ta' informazzjoni u reġistrazzjoni: tkopri intervista inizjali sabiex il-ħaddiem li nġhataw s-sensja jkun reġistrat u jiġu identifikati t-tipi ta' miżuri l-aktar xierqa.
- Informazzjoni u servizz tal-ġhajjnuna: tirrilata ma' laqgħat kollettivi u l-funzjoni ta' servizz tal-ġhajjnuna biex jipprovdni informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja.

#### Akkumpanjament

- Akkumpanjament minn impjeg għal ieħor tkopri programm individwalizzat li jinkludi skrinjng, it-twaqqif ta' pjan ta' azzjoni ta' karriera u dak vokazzjonali u sorveljanza fuq medda ta' żmien qasir fuq il-post tax-xogħol il-ġdid.
- Rikollokament: tfittex li tagħti appoġġ attiv lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja fl-esplorazzjoni tagħhom ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol.
- Taħriġ dwar l-applikazzjoni: tkopri l-analiżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti disponibbli, ġhajjnuna għall-abbozz ta' CV u ittra ta' applikazzjoni u preparazzjoni għal intervisti ta' xogħol.
- Akkumpanjament għal ħolqien ta' negozju tfittex li tgħin lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja li bi ħsiebhom jiftħu n-negozju tagħhom. Din tkopri l-għoti ta' parir legali, ġhajjnuna għall-elaborazzjoni ta' pjan għan-negozju, ġhajjnuna dwar ħtiġijiet amministrattivi.

#### Taħriġ

- Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: tkopri t-taħriġ vokazzjonali, taħriġ fil-ġestjoni u l-ħiliet soċjali u taħriġ tekniku mill-ġdid li jkun speċifiku għall-ħaddiema li t-taħriġ tekniku tagħhom m'għadux jgħodd.
- Rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti: tkopri l-valutazzjoni ta' għarfien u esperjenza preċedenti ta' kull ħaddiem individwali kif ukoll l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn jeħtieġ aktar taħriġ.

15. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll kif ukoll informazzjoni u pubbliċità.
16. Is-servizzi personalizzati sottomessi mill-awtoritajiet Olandiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fl-azzjonijiet eliġibli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Olandiżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi jkunu EUR 2 973 960,42 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF tkun EUR 123 915,02 (=4 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija EUR 2 013 619 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem identifikat (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR) *
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
<b>1. Attivitajiet preparatorji</b>			
1.1. Teħid ta' informazzjoni u reġistrazzjoni ( <i>intake en registratie</i> )	650	196,92	127 998,00
1.2. Informazzjoni u servizz ta' għajnuna ( <i>voorlichting en helpdesk</i> )	650	87,52	56 888,00
<b>2. Akkumpanjament</b>			
2.1. Akkumpanjament minn impjeg għal ieħor ( <i>werk naar werk begeleiding</i> )	236	3 786,61	893 639,35
2.2. Rikollokament	177	4 553,93	806 045,81
2.3. Taħriġ dwar l-applikazzjoni ( <i>solicitatietraining</i> )	195	1 443,26	281 436,23
2.4. Akkumpanjament lejn ħolqien ta' negozju ( <i>begeleiding eigen onderneming</i> )	33	5 401,63	178 253,77
<b>3. Taħriġ</b>			
3.1. Taħriġ u taħriġ mill-ġdid ( <i>opleiding en omscholing</i> )	180	2 538,10	456 857,16
3.2. Rikonoxximent ta' esperjenza preċedenti ( <i>erkenning verworven competenties</i> )	61	2 833,48	172 842,10
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			<b>2 973 960,42</b>



<b>Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)</b>			
Ġestjoni			30 978,75
Informazzjoni u pubbliċità			30 978,75
Attivitajiet ta' kontroll			61 957,51
<b>Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF</b>			<b>123 915,02</b>
<b>Stima tal-ispejjeż totali</b>			<b>3 097 875</b>
<b><i>Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)</i></b>			<b>2 013 619</b>

*\* It-totali ma jaqblux minhabba t-tqarrib taċ-ċifri.*

17. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari ma' għadd ta' proġetti ta' taħriġ tal-FSE għall-ħaddiema fis-settur tal-grafika li se jsiru fi żmien li jikkoinċidi mal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-EGF. L-awtorità li tiġġestixxi l-EGF, li hija wkoll l-awtorità li tiġġestixxi l-ESF, stabbiliet il-proċeduri ta' kontroll neċessarji biex jiġi eliminat kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju.

**Data(i) meta s-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati bdew jiġu offruti jew huma ppjanati li jibdew**

18. Il-Pajjiżi l-Baxxi bdew joffru s-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati, liema servizzi huma inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament fl-1 ta' April 2009. Għalhekk din id-data tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-EGF.

**Proċeduri għall-konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali**

19. L-imsieħba soċjali kienu kkonsultati permezz tal-Fondazzjoni tal-Fond tas-Suq tax-Xogħol u tat-Taħriġ għas-settur tal-grafika u tal-midja (Arbeids & Opleidingsfonds Grafimedia branche), li fid-dawl tal-kriżi ftehm u li jinħoloq ċentru ta' mobiltà għas-settur imsejjaħ C3 (Centrum Creatieve Carrières). L-għan ta' dan iċ-ċentru ta' mobiltà huwa l-koordinament tal-miżuri varji tas-suq tax-xogħol attiv b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali.
20. L-awtoritajiet Olandiżi kkonfermaw li l-ħtiġijiet stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u dik Komunitarja dwar is-sensji kollettivi ġew osservati.

**Informazzjoni dwar l-azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi**

21. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Olandiżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ lill-ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturar tal-kumpaniji jew tas-setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuma minn strument finanzjarji Komunitarji oħra.

### **Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll**

22. Il-Pajjiżi l-Baxxi nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-Aġenzija għall-Affarjiet Soċjali u l-Impjieġ (Agentschap SZW) se tkun l-entità intermedjarja għall-awtorità li tiġġestixxi.

### **Finanzjament**

23. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 2 013 619 li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni mill-Fond proposta mill-Kummissjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Pajjiżi l-Baxxi.
24. Peress li l-ammont massimu possibbli tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tal-allokkazzjoni mill-ġdid tal-approprijazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li timmobilizza l-ammont totali msemmi hawn fuq mill-EGF, li għandu jiġi allokat taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
25. L-ammont propost tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
26. Il-Kummissjoni, permezz ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, qiegħda tniedi l-proċedura tat-trijalogu simplifikata, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bil-ħsieb li jkun assigurat il-ftehim taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta ta' mobilizzazzjoni fil-livell politiku xieraq biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.
27. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit tal-2010 approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

### **Sors tal-approprijazzjonijiet ta' pagamenti**

28. Fl-istat attwali tal-implimentazzjoni, huwa previst li l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti disponibbli fl-2010 skont il-linja baġitarja 01.0404 "Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – Programm ta' intraprenditorija u innovazzjoni" mhumiex se jintużaw kollha din is-sena.
29. Din il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Hemm xi differenza ta' dewmien bejn it-trasferimenti lill-kontijiet fiduċjarji ġestiti mill-Fond Ewropew tal-Investimenti u l-ħlasijiet lill-benefiċjarji. Il-kriżi finanzjarja għandha effett ewlieni fuq il-previżjonijiet f'termini ta' ħlasijiet għall-2010. B'riżultat ta' dan, sabiex ikunu evitati bilanċi eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-approprijazzjonijiet ta' pagamenti kienet riveduta filwaqt li ġew meqjusa l-ħlasijiet mistennija. Għalehkk l-ammont ta' EUR 2 013 619 jista' jsir disponibbli għat-trasferiment.

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18 mill-Pajjiżi l-Baxxi)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>5</sup> u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>6</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>7</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) kien stabbilit biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat tal-bidliet strutturali maġġuri fl-andamenti kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jiġu meġhuna fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet sottomessi mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludu appoġġ lil ħaddiema li ngħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fil-limitu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Pajjiżi l-Baxxi ssottomettew applikazzjoni biex jimmobilizzaw l-EGF fir-rigward tas-sensji f'45 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u riproduzzjoni tal-midja rikordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi fin-NUTS II Gelderland (NL22) u Overijssel (NL21) fit-30 ta' Diċembru 2009 u ssupplimentawha

---

<sup>5</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L [...], [...], p. [...].

b'informazzjoni addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010. L-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulati fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li jkun immobilizzat l-ammont ta' EUR 2 013 619.

- (5) Għalhekk l-EGF għandu jkun immobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Pajjiżi l-Baxxi.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jkun immobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 013 619 f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*